

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9719/22

LIMITE

CYBER 199
TELECOM 257
INST 206
CSC 229
CSCI 75
INF 88
FIN 592
BUDGET 12
CODEC 825
DATAPROTECT 179

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0085(COD)

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9882/22
Nru dok. Cion:	7474/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni - Rapport ta' progress

Il-Presidenza ħejjiet rapport ta' progress dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, bil-għan li tirrapporta dwar il-ħidma mwettqa s'issa mill-korpi preparatorji tal-Kunsill u dwar is-sitwazzjoni attwali tal-eżami tal-proposta.

Dan ir-rapport ġie ppreżentat mill-Presidenza lill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (GHQC) fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022.

INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni. Il-proposta kienet waħda mill-miżuri previsti fl-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali¹ li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tal-Unjoni kontra t-theddid ċibernetiku. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Marzu 2021 dwar din l-istrateġija², il-Kunsill enfasizza li ċ-ċibersigurtà hija essenzjali għall-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet pubbliċi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE kif ukoll għas-soċjetà tagħna u l-ekonomija kollha kemm hi.
2. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2019³, il-Kunsill Ewropea stieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, flimkien mal-Istati Membri, biex jaħdmu fuq miżuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u tittejjeb il-kultura tas-sigurtà tal-UE kontra t-theddid ibridu u dak ċibernetiku minn barra l-UE, u biex in-networks tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-UE u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jiġu protetti aħjar mill-attivitajiet malizzjużi ta' kull tip.
3. L-objettiv ewlieni tal-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 298 TFUE, huwa li jittejjeb il-livell taċ-ċibersigurtà fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej billi jiġi stabbilit qafas komuni li jirrispetta l-awtonomija ta' kull istituzzjoni.

¹ 14133/20.

² 6722/21.

³ EUCO 9/19.

4. Il-proposta għandha l-għanijiet prinċipali li:
- issaħħaħ il-mandat u l-finanzjament tas-CERT-UE (lċ-ċentru taċ-ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni);
 - tistabbilixxi struttura interistituzzjonali li tlaqqa' flimkien rappreżentanti tal-istituzzjonijiet kollha sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tar-Regolament;
 - tintroduċi l-obbligu għall-istituzzjonijiet Ewropej li jikkondividu informazzjoni (mhux klassifikata) tal-IT mas-CERT-UE u li jinnotifikaw theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti sinifikanti; u
 - tippromwovi l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni b'rispons għal inċidenti sinifikanti.

SITWAZZJONI ATTWALI

5. Il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (GHQC) beda jeżamina l-proposta fid-29 ta' Marzu 2022, bi preżentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni.
6. Il-GHQC eżamina t-test tar-Regolament propost fil-laqgħat tiegħu tad-19 u s-26 ta' April 2022.
7. Wara d-diskussjonijiet fil-GHQC, l-Istati Membri ġew mistiedna jipprovdu kummenti bil-miktub sas-6 ta' Mejju 2022. Total ta' 16-il Stat Membru ħadu l-opportunità li jippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom bil-miktub.

8. L-Istati Membri laqgħu b'mod favorevoli l-proposta, hekk kif ikkunsidrawha bħala xierqa u komplementari għad-Direttiva NIS2 futura u b'mod ġenerali appoġġaw l-oġġettivi ġenerali tagħha. Madankollu, l-Istati Membri appellaw għal aktar ambizzjoni u qajmu għadd ta' kwistjonijiet u punti ta' tħassib ewlenin li għandha ssir riflessjoni dwarhom waqt in-negozjati tal-proposta, b'mod partikolari n-nuqqas ta' reċiproċità fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri u n-natura eċċessivament volontarja tal-miżuri proposti. L-Istati Membri appellaw ukoll għat-tħassir tar-referenza għaċ-Ċiberunità Konġunta (li l-mandat u l-kompożizzjoni tagħha għad iridu jiġu definiti). Fl-aħħar nett, huma enfasizzaw il-ħtieġa li fil-proposta jiġu riflessi ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva NIS2 futura.
9. Diversi Stati Membri talbu lis-Servizz Legali tal-Kunsill biex jeżamina l-adegwatezza tal-bażi legali u biex jikkunsidra alternattivi possibbli.
10. Il-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Henna Virkkunen (PPE) bħala r-rapporteur tal-Kumitat ewlieni ITRE.
11. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Mejju 2022.
12. Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Presidenza talbet l-opinjoni formali tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill dwar l-aspetti tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-proposta.

⁴ 9252/22.

13. Abbażi tal-kontributi tal-Istati Membri u l-ħidma tal-GHQC, il-Presidenza ser tfassal test ta' kompromess, li ser jiġi eżaminat fil-laqgħat tal-GHQC tal-21 u t-28 ta' Ġunju.
14. Waqt li tibni fuq il-progress li sar mill-Presidenza Franċiża, il-Presidenza Ċeka li jmiss biĥsiebha tkompli l-ħidma dwar dan il-fajl importanti bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali.
15. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-eżami tal-proposta.
